**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa**

# 8 LEĠIŻLATURA

# Laqgħa Numru 42

**Il-Ħamis, 14 t' Ottubru, 2021**

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' bil-presenza tas-Sindku, fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz "Dar Birżebbuġa", Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fis-sitta nieqes kwart ta' wara nofsinhar.

**PREŻENTI**:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Scott Camilleri (SC) | Sindku |
| Is Sa Josette Busuttil (JBD) | Viċi Sindku |
| Is Sur Sandro Alex Caruana (AC) | Kunsillier |
| Is Sur Joseph Farrugia (JF) | Kunsillier |
| Is Sur Joseph Baldacchino (JB) | Kunsillier |
| Is Sur Carlo Stivala (CS) | Kunsillier |
| Is Sa Maria Mifsud (MM) | Kunsillier (onlajn) |

Membri tal Publiku: NIL

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**

| | |
|---|---|
| Is Sa Doriana Portelli (DP) | Kunsilliera |
| Is Sur Stanley Zammit (SZ) | Kunsillier |

**ASSENTI:**

NIL

## UFFIĊJALI PRESENTI:

Is-Sa Rosalie Mintoff – Segretarju Eżekuttiv (SE)

Is-Sindku ippresjeda.

## 42.01 Qari tal-ittri t' apoloġija

42.01.01 (SE) informat lil Kunsill li rċievit l-ittri t'apoloġija, mingħand il-kunsillieri (DP) u (SZ). Il-Kunsill laqa' dawn l-ittri t' apoloġija u approvahom.

## 42.02 Approvazzjoni tal-Minuti (numru 41)

42.02.01 Fil-Minuti tas-Seduta numru (41), ma kienx hemm korrezzjonijiet min-naħa tal-Kunsill. Il-Minuti tas-Seduta preċidenti, bin-numru (41), ġew approvati mill-membri preżenti.

Prop: (JF) Sek: (AC)

## 42.03 Skeda ta' pagamenti u petty cash

42.03.02 Inġibdet l-attenzjoni mis-Sindku, sabiex kemm l-iskeda tal-pagamenti, kif ukoll tal-petty cash, jibdew jintbagħtu minn qabel. Dan sabiex ikun hemm aktar ħin għall-kunsilliera li jarawhom, minn qabel. Madankollu, (SE) spjegat li l-iskeda dejjem tintbagħat minn qabel, però fl-aħħar ġurnata tintbagħat il-versjoni l-aktar riċenti.

Prop: (AC) Sek: Viċi Sindku (JBD)

## 42.04 Approvazzjoni ta' Kwotazzjonijiet

42.04.01 (SE) ippreżentat dawn il-kwotazzjonijiet:

1. Kiri jew xiri ta' tliet 4 wheeled bins biex jintużaw għall-iskart fl-inħawi ta' Bengħisa. (SE) staqsiet dwar arranġament ta' ġbir tal-iskart u jekk hemmx bżonn ta' permess. Is-Sindku ikkonferma li diġà hemm arranġamenti mal-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart u li ċċċekja mal-Perit, li ma hemmx bżonn ta' permessi. Peress li l-prezz ta' kiri għal sena, u ta' xiri tal-iskips huwa kwazi l-istess, il-Kunsill iddeċieda li jmur għal xiri mingħand il-Green Skips. Dan il-fornatur joffri kemm kiri, kif ukoll xiri ta' skips. (AC) ippropona li l-iskips jiġu magħluqa b'katnazz, fejn iċ-ċavetta tiġi provduta lir-residenti tal-inħawi. Is-Sindku qal li hemm il-ħsieb li jitwaħħlu CCTVs għal sorveljanza. Madankollu, il-kunsillier (JF), ma tantx qabel ma' din id-deċiżjoni, minħabba li stqarr li fil-passat kien hemm min ma kienx resident, iżda xorta waħda kien jiġi jbattal ġol-iskips. Fl-aħħar, il-Kunsill qabel u approva ix-xiri ta' dawn l-iskips.

2. Xiri ta' tliet skrivaniji ġodda, għall-ewwel sular. Il-kwotazzjoni approvata, hija tal-Invicta, peress li l-kumplament tal-għamara kienet inxtrat mingħand l-istess fornitur u tiġi tikkumplimenta l-kumplament tal-iskrivaniji mixtrija aktar kmieni, din is-sena. Il-Prezz għal dawn l-iskrivaniji hu, ta' €1,384.00

3. Kwotazzjonijiet għall-pprintjar ta’ tabelli fuq karta normali u fuq stickers.
   Dawn it-tabelli ġew mitluba mil-Community Policing, għal kampanja li tikkonċerna fost oħrajn, tindif u ġbir ta’ skart, ġewwa l-lokalità. Ġew ippreżentati tliet kwotazzjonijiet, fejn il-Kunsill iddeċieda li jmur għall-orħos kwotazzjoni ta’ valur ta’ €78.00 mingħand Rainbow Stationery.

4. (SE) ippreżentat kwotazzjoni għall-istruttura tal-kuntratt, li jikkonċerna l-Kuntratt tal-Contract Management. Dan il-kuntratt attwali ser jiskadi fit-3 ta’ Novembru. Din l-approvazzjoni kienet tqabżet fis-Seduta preċidenti u li huwa importanti li ttieħed deċiżjoni. Madankollu, il-Kunsill qabel li (SE) għandha tingħata kors ta’ taħriġ, biex il-pubblikazzjonijiet tas-sejħiet tal-offerti, tibda tippubblikahom hi. (SE) informat il-Kunsill li m’ hemmx żmien biżżejjed, għal dan il-kuntratt. Il-Kunsill baqa’ jżomm mad-deċiżjoni tiegħu, filwaqt li (SE) intalbet sabiex iżomm il-kwotazzjoni, on hold.

## 42.05 Approvazzjoni tar-rapport finanzjarju tat-tielet kwart tas-sena

42.05.01 L-accountant tal-Kunsill, is-Sa Doreen Mintoff, ingħaqdet mal-Kunsill permezz tas-sistema onlajn, fejn tat deskrizzjoni tar-rapport finanzjarju tal-ewwel tliet kwarti tas-sena, li jkopri bejn l-ewwel ta’ Jannar 2021 u l-aħħar ta’ Settembru 2021. Il-Kunsilliera kienu ġew ipprovduti minn qabel, b’kopja ta’ dan ir-rapport u setgħu jsegwu u jistaqsu xi diffikultajiet li kellhom fil-mument. Wara li ngħataw l-ispjegazzjoni, il-membri preżenti approvaw dan ir-rapport.

Prop: (AC) Sek: Viċi Sindku

## 42.06 Approvazzjoni tar-risposta tal-Management Letter tal-Awditur

42.06.01 Is-Sindku preżenta kopja tar-risposta tal-Management letter tal-Awditur, li ġiet imħejjija mis-(SE) u faħħar ukoll lil (SE) tal-mod kif ippreparat din l-ittra.

42.06.02 Is-Sindku ġibet l-attenzjoni biex ikun hemm sorveljanza fuq il-ispejjeż professjonali, b’ mod speċjali servizzi mitluba fuq proġetti. Huwa stqarr li hemm bżonn li jkun hemm punt ta’ bidu kif ukoll punt ta’ tmiem, biex jiġi evitat li jkun hemm ħafna trufijiet pendenti. Kull Kunsillier irid jara li kull proġett, skemi, etc.., għandhom jiġi segwiti sat-tmiem. Is-Sindku sostna li għandu jkun hemm iktar komunikazzjoni bejn il-Kunsilliera, fejn kull Kunsillier, ikun jaf id-dettall bażiku ta’ x’qed isir. Il-Viċi Sindku sostniet, li ċertu informazzjoni tiġi wkoll mgħoddija lill-iskrivani tal-Kunsill, speċjalment lill-iskrivani tal-Customer Care.

42.06.03 (JB) ġibet l-attenzjoni fuq iż-Żurrieq Joint Committee, fejn kien hemm anomalija fil-kont tal-Kunsill tagħna u għanda tittieħed azzjoni immedjata rigward il-fond. Huwa qal dan, wara li aktar kmieni din il-ġimgħa, l-uffiċċju irċieva ittra, fejn tindika ċar li ammont sostanzjali

tal-flus, tnaqqsu minn dan il-kont. Is-Sindku qal li fil-preżent, mhuwiex ser japprovaha, u wiegħed li ser ikun qiegħed isegwi u jiffli sew dan il-każ.

Prop: (MM) Sek: (CS)

## 42.07 Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet

42.07.01 Is-Sindku rrakkomanda li jiltaqa' mal-kunsillier (MM), biex flimkien jiddiskutu u jibagħtu draft tender tal-knis, lil membri tal-Kunsill.

Ma kienx hemm aktar mozzjonijiet jew rakkomandazzjonijiet imressqa.

## 42.08 Komunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku ta rendikont lil kunsilliera, fuq dawn li msemmija;

42.08.01 Riċentament iffirma l-Memorandum of Understanding (MoU) tal-Urban Squares.

42.08.02 Is-Sindku, (MM), (AC)u (SZ), qegħdin jaħdmu fuq il-proġett tal-Urban Squares, fejn beda xogħol ta' installazzjoni ta'bankijiet, magħmulin minn material riċeklat, fiż-żona ta' San Ġorġ.

42.08.03 Fir-rigward Triq San Ġorġ, iltaqgħu mal-kuntrattur preżenti, fejn instab bir u ser issir sistema ta' irrigazzjoni.

42.08.04 Riċentament attenda wkoll għall-iffirmar tal-Memorandum of Understanding ta' Clean (Malta). Huwa spjega kif ser jibda jkun hemm tindif darbtejn kuljum, kif ukoll, tindif u ħasil tal-promenade u ħasil minn qabel, meta jkun hemm xi attività skedata.

42.08.05 Saret laqgħa ma' kuntrattur li jiġbor affarijiet ta żgumbrar, fil-preżenza tal-foreman, biex jitneħħew dawk l-affarijiet ta' żgumbrar li kien ilhom pendenti għal dan l-aħħar xhur, bħal luzzu mejjet fiż-żona ta' San Ġorġ, kif ukoll vettura abbandunata, fi Triq Santa Katerina.

42.08.06 Is-Sindku tkellem ukoll fuq l-applikazzjoni għal proġett ta' Wied il-Buni, fejn qed tiġi diskussa d-direzzjoni tat-two way, il-pompa tal-petrol u l-bir/foss.

42.08.07 Aġġornament fuq il-problema tal-parking f' Tal-Papa. Il-Kunsill kellu laqgħa mal-Awtorità tat-Trasport, fir-rigward l-ispazju tal-parkeġġi, fejn il-Kunsill intalab, biex jagħmel studju/survey rigward il-parking maximisation.

42.08.08 Is-Sindku tkellem ukoll fuq Il-Girien Development Brief: fejn hemm klawsola, li tittieħed art mhux fabbrikabbli u jingħata finanzjament ta' 20%, bi skuża li din tintuża għal proġetti ambjentali. Is-Sindku emfasizza li kkunsultaw mal-Perit tal-Kunsill, biex tintbagħat oġġezzjoni lil Ministru konċernat. (AC) ġibet għall-attenzjoni li f' Malta, għandu jsir ppjanar aħjar, qabel ma jinħarġu l-permessi tal-bini, u jieħdu inkonsiderazzjoni l-allokazzjoni għal parkeġġi.

42.08.09  Il-Kunsill ġie aġġornat ukoll bl-applikazzjoni għall-fondi fir-rigward l-attivitajiet tal-Milied, fejn il-Kunsill ikun irrid joħroġ biss, 10% mill-ispejjeż.

42.08.10  Tressqet ukoll għall-attenzjoni l-problema tal-ġbir tal-iskart tal-borża s-sewda, fejn il-Kunsill ġie infurmat mil-kuntrattur, li fi żmien ġimgħatejn, minħabba kwestjoni ta' saħħa, ħa jwaqqaf il-kuntratti kollha, inklus tal-Kunsill ta' Birżebbuġa. Għaldaqstant, b'kunsultazzjoni mal-Perit tal-Kunsill, hemm żewg possibbilitajiet.  Waħda li l-kuntattur preżenti jkun amministrattiv ta' sub-contracting ma' kuntrattur ieħor, filwaqt li t-tieni possibbilità hija, li jsib kuntrattur ieħor li lest li jissegwixxi x-xogħol bl-istess kundizzjonijiet, sakemm jagħlaq il-kuntratt fi tlettax -il xahar ieħor. Hemm ukoll il-possibbilità li ssir sejħa għal direct order li normalment tista' tieħu madwar sitt xhur.

42.08.11  Is-Sindku ressaq talba mingħand il-Girl Guides ta' Birżebbuġa, biex is-sala tal-iskola, li l-Kunsill iħalles għaliha l-handyman, biex jiftaħ u jgħalaq, tintuża għal erbgħa siegħat minflok għal sagħtejn, minħabba r-restrizzjonijiet tal-Covid 19. Il-Kunsilliera qablu ma' din il-proposta.

42.08.12   Saret talba mingħand il-Blue Angels għal użu tas-sala. Peress li s-sala tal-Kunsill qiegħda tkun okkupata, il-Kunsill iddeċieda li jipprovdi ammont ta' flus (flat rate), biex tkun tista' tinkera mingħand għaqdiet lokali. It-talbiet iridu jgħaddu mill-Kunsill.

## 42.09   Punti mressqa mis-Segratarju Eżekuttiv

42.09.01  (SE) resqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill, iċ-Ċirkolari Numru SPI/SCI/6/2021 - Espressjoni ta' interess – Finanzjament Milied 2021.  Il-Kunsill b' vot unanimu qabel, li ser ikun qiegħed jipparteċipa f' din l-inizzjattiva.  Sar qbil ukoll bejn il-membri preżenti, fuq l-attivitajiet li ser ikunu qegħdin iħejju, fosthom il-kunċert ġewwa l-Knisja Parrokkjali, imtellgħa mill-Choir, Joyce of Gospel, kif ukoll il-parteċipazzjoni taż-żewġ każini tal-Banda.

42.09.02  (SE) resqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill, talba sabiex iż-żewġ skrivani li għadhom kif issieħbu ġewwa l-uffiċċju, jingħatalhom l-allowance talli huma over qualified, skont kif titlob il-liġi.  Il-Kunsill approva din it-talba.

42.09.03  (SE) resqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill, talba mingħand l-iskrivani, sabiex iħallu l-massimu ta' tmienja u erbgħin siegħa, bħala vacation leave, akkumulat għas-sena 2022.  Il-Kunsill approva din it-talba.

42.09.04  (SE) aġġornat lil membri bil-persuna li ser tkun qed tissieħeb ġewwa l-Kunsill, bħala ħaddiem fil-komunità, mill-Engineering Resources Limited. Kien diġà sar qbiel bejn il-Kunsill fuq dan il-persuna, permezz ta' emajl.  Dan il-ħaddiem ser jibda mit-18 t' Ottubru, 2021.
Is-Sindku rrimarka li din il-persuna hija ta' benefiċċju għall-Kunsill, minħabba li għanda ħafna abilitajiet.

## 42.10 Traffiku, parkeġġ, utilitajiet u servizzi

42.10.01 Il-kunsillier (JF) rrimarka dwar l-ammont ta' traffiku li qed ikun hawn filgħodu fil-qalba ta' Birżebbuġa. Huwa qal li dawn huma vetturi ġejjin minn barra r-raħal u qegħdin iħallu ammont kbir ta' exhaust għad-detriment tar-residenti. Hu ssuġġerixxa li l-Kunsill għandu jressaq talba lill-Awtorità tat-Trasport, sabiex ikejlu l-ammont ta' polution li qed iħallu dawn il-vetturi u jekk hemmx il-possibbiltà li ssir bypass li tnaqqas dan l-ammont ta' vetturi li jgħaddu minn ġewwa Birżebbuġa.

42.10.02 (JF) Qajjem każ ta' ċertu sleeping policeman li ilhom żmiem biex isiru. Is-Sindku qal li hu bagħat lil Perita, diversi drabi u jekk ma jirċievix fi żmien ġimgħa, ħa jieħu mezzi oħra.

42.10.03 Fuq Triq San Patrizju (JF) qajjem il-punt fejn hemm foss mirdum li jista' jintuża bħala parking jew ġibjun għall-ilma. Huwa sostna li jkun dnub li dan il-foss jintradam, meta Birżebbuġa, tant għanda bżonnu. Dan jiswa ħafna bħala parkeġġ, jew ġibjun. B' diżappunt li l-Kunsill ma kienx ikkunsultat, f' dan il-proġett. (AC) qal li hemm bżonn li dan il-proġett isir malajr. Il-permessi ġew approvati min-naħa tal-Awtorità tal-Ippjanar. Is-Sindku sostna li kienet saret konsultazzjoni mal-Kunsill, però fl-aħħar biċċa, ma saritx.

42.10.04 (JF) tkellem ukoll fuq il-ġnien ta' Bengħisa, Huwa qajjem il-punt li ma' ħasbux għal ġibjun. Is-Sindku wieġeb li r-reservoir, ser ikunu qegħdin isiru, aktar 'l quddiem.

42.10.05 (AC) aġġorna lil Kunsill , li l-Awtorità tat-Trasport, qegħdin jissuġerixxu re-design tal-parking bays fil-Qajjenza. Is-Sindku irrefera għal extended pavement maż-żebra crossings fejn b' dan il-mod, jiżdiedu n-numru ta' parking bays. (JB) issuġerixxa, li jsiru sleeping policeman, li jservi wkoll bħala zebra crossing.

42.10.06 (AC) tkellem fuq il-bankina ta' Triq Għar Dalam. Huwa aġġorna li f' laqgħa li kellu mal-Awtorità tat-Trasport u Infrastructure (Malta), ġie ssuġġerit li jsiru bollards, tarmak mill-aħmar u mirja.

42.10.07 (AC) qajjem il-punt rigward il-parking bays tal-promedade tal-Qajjenza, fejn il-vetturi jistgħu jiġu pparkjati fuq in-naħa l-oħra tat-triq. Is-Sindku talab lil (AC) biex jagħmel disinn ta' kif irid jiġu.

42.10.08 Il-viċi Sindku rrimarkat fuq emajl li mhux imwieġba, rigward disabled parking fi' Triq Garibaldi. Is-Sindku issuġġerixxa li għandha tkellem lill-iskrivan/a konċernat/a ħalli tara f' liema stadju waslet l-applikazzjoni.

42.10.09 (AC) qal li l-Għaqda tas-Sajjieda Dilletanti staqsewh, f' liema stadju waslu t-tabelli li kellhom isiru mal-moll. (SE) wieġbet, li għadhom fil-proċess tal-manifattura.

42.10.10 (AC) stqarr li rċieva lment fir-rigward lis-Slipway il-ġdida ta' fejn il-monument ta' Bush u Gorbachov, fejn is-sidien tad-dgħajjes qed issibuha diffiċli biex jikkwartjaw, minħabba is-siġar ta' fuq il-bankini. Is-Sindku talab lil (AC) biex jagħmel id-disinji biex jaraw kif ser isolvu l-problema.

42.10.11 (JB) tkellem dwar it-tabelli tat-traffiku fi Triq Żaren Dalli, ħdejn il-Maypole, fejn uħud minnhom huma mdawrin u għandhom bżonn jiġu rranġati. (SE) żammet nota biex tinforma lil foreman.

42.10.12 (JB) ġibed l-attenzjoni li fi Triq Żaren Dalli, it-tabella tat-triq għanda bżonn tinbidel għax bil-kemm tingħaraf. Is-Sindku talab biex naraw x'hemm bżonn isir u toħroġ talba għal kwotazzjonijiet.

42.10.12 Il-kunsillier (CS) ġibed l-attenzjoni fuq it-trakkijiet li jgħaddu mit-triq dejqa Tal-Ġebel. Huwa qal li l-Kunsill għandu jieħu azzjoni immedjata.

42.10.13 Il-kunsillier (MM) staqsiet dwar il-bus shelters tal-Qajjenza. (AC) wieġeb li ġimgħat illu, kienu saru dawn it-talbiet għal dawn il-bus shelters, filwaqt li lbieraħ, is-(SE) talbet lil Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali biex jagħtuha aġġornament.

## 42.11 Proġetti u skemi

42.11.01 Is-Sindku fakkar li l-iskema marbuta mal-Aġenzija LESA, għadha miftuħa. Għaldaqstant, talab lil kunsilliera li jekk għandhom xi proposti, jilħqu jressquhom.

42.11.02 Is-Sindku staqsa lil (SE), aġġornament fuq il-Measure (4), fir-rigward Ġnien l-Ewropa. (SE) spjegat li kellha tavviċina lil kuntrattur, minħabba li l-garanzija bankarja li preżenta, ma kinitx taqbel mal-ammont dovut. L-uffiċċju qed jistenna l-garanzija bankarja, riveduta, flimkien mal-invoice li hi meqjuża bħala 'Pre-Financing'.

42.11.03 (SE) aġġornat lil Kunsill, li aktar kmieni din il-ġimgħa, marret il-GAL XLOKK, u għal darba oħra reġgħet iffirmat il-kuntratt relatat mal-Measure (1), marbut mar-restawr tal-pittura, fil-Kappella tas-Sagra Familja.

42.11.04 (JB) staqsa rigward il-flus marbutin ma' diversi skemi, li kellna nieħdu mingħand ir-Reġjun Nofsinhar. Is-Sindku ikkonferma li l-flus dovuti irnexxielna nieħduhom kollha.

## 42.12 Indafa u ambjent

42.12.01 (MM) staqsiet dwar biċċa art mhux mibnija, fi Triq il-Brolli, fejn qed jintefa' skart illegali. (AC) indika li din imsemmija art, hija privata, imma skont is-surġent tal-pulizija fil-komunità, hemm biċċa minna, li taqa' taħt til-Gvern u jista' jittellgħa ċint madwara, mill-Awtorità kompitenti.

42.12.02 (MM) staqsiet dwar il-containers li qed jintużaw bħala stores, ġol Bajja s-Sabiħa. (SE) wieġbet li kien il-Kunsill stess, li kien ta permess verbali biex jitpoġġew dawn il-containers ħalli jintużaw bħala stores. Għalhekk, trid terġa' tkun id-deċiżjoni tal-Kunsill, biex jitneħħew. Madankollu, f' dan il-mument ma ttieħdet l-ebda deċiżjoni oħra.

42.12.03 Is-Sindku rrimarka, rigward eżerċizzju ta' tindif u żebgħa, li sar mil-ħaddiema tal-komunità, filwaqt li faħħarhom għal biċċa xogħol tajba li qegħdin iwettqu.

42.12.04 Il-viċi Sindku rrimarkat dwar villa fi Triq San Pawl, li ġiet mixtrija, imma fiha ħafna ħmieġ u r-residenti tal-madwar qed jilmentaw dwar il-ġrieden li qed ikun hemm. Il-viċi ssuġġerit li għandha tintbagħat ittra lil pulizija fil-komunità.

## 42.13 Attivitajiet

42.13.01 Il-viċi Sindku aġġornat lil kunsill fuq ftehim li sar maż-żewġ baned, biex fil-ġurnata ta' Halloween, joħorġu bil-vanijiet jiġbru ikel minflok ħelu, u jitqassmu lil familji fil-bżonn, li joqogħdu ġewwa Birżebbuġa, mill-FSWS. F'din l-attività ħa jkun hemm ukoll, żeffiena li offrew is-servizz tagħhom voluntarjament, fi tliet postijiet separati. Aktar dettalji ser ikunu qed jingħataw aktar 'l quddiem, meta jiġu stabbiliti wkoll ir-rotta ta' min fejn ser ikunu qegħdin jgħaddu biex jiġbru l-ikel.

42.13.02 Il-viċi tkellmet ukoll dwar il-High Tea li hemm propost, kif ukoll dwar il-mawra ġol kumpless Esplora, Kalkara.

42.13.03 Il-viċi tat aġġorment lil Kunsill li qiegħda tistenna risposta mingħand il-baned lokali, biex jipparteċipaw fil-Concerto Di Natale.

42.13.04 Is-Sindku talab lil viċi, biex tibgħat lista tal-attivitajiet li ser ikunu qegħdin isiru sal-aħħar ta' din is-sena, filwaqt li ssuġġerixxilha sabiex tibqa' tagħti rendikont u tibgħat bil-quddiem, il-lista tal-attivitajiet li jkunu ser jiġu proposti, kull kwart ta' matul is-sena.

42.13.05 (AC) staqsta lil Kunsill jekk kienx hemm kwotazzjonijiet bil-quddiem, fir-rigward taċ-ċelebrazzjoni li saret f' ġieħ Jum Birżebbuġa. Huwa wera d-diżappunt li waqt li bdew jingħataw il-momentums, il-preżentattriċi semmiet li ngħataw f' isem il-Kunsill Lokali. Huwa kompla jtenni li l-Kunsill qatt ma kien ġie ppreżentat bil-lista tan-nominazzjonijiet u lanqas bil-kwotazzjonijiet tas-servizzi marbutin, minn qabel. Il-viċi wieġbet li kien hemm file fl-uffiċċju, u wieħed setgħa jara l-informazzjoni.

42.13.06 (CS) tkellem fuq il-Mixja tal-President li mgħarufa aħjar bħala: The President's Fun Run. Il-mixja hi skedata għal 21 ta' Novembru, 2021. F' din il-mixja ser ikunu jistgħu jipparteċipaw sa mitt parteċipant. M' hemmx il-ħsieb li jingħalqu l-ebda toroq, minħabba li l-mixja beħsieba ssir mill-parkeġġ ta' Wied il-Buni, tul il-promenad, sal-Qajjenza. Huwa spjega, kif fil-ġranet li ġejjien, ser jaslu l-uffiċċju l-flokkijiet relatati mal-Fun Run, għal prezz ta' €10.00 – il wieħed. (SE) kompliet issostni li min ser ikun qiegħed jipparteċipa, irrid juri ċ-ċertifikat marbut mal-vaċċin tal-Covid 19.

## 42.14 Kultura, żgħażagħ u sport

42.14.01 (CS) ta aġġornament dwar il-European Week of Sport u l-kampanja, Be Active. (CS) staqsa lis-Sindku, biex għal dakinhar, tiġi organizzata fitness class ta' madwar ħamsa u erbgħin minuta fit-teatru Grieg. Is-Sindku talab lil (CS), biex jibgħat stima tal-ispejjeż marbutin.

42.14.02 (CS) tkellem u staqsa fir-rigward tal-MOC Awards, jekk għandhomx jiġu inklużi l-avvenimenti sportivi tas-sena 2020, ma' dawk li saru matul is-sena 2019. Dan minħabba li għalkemm matul is-sena 2020, kien hawn il-pandemija, il-Kunsill ta' Birżebbuġa xorta baqa'

għaddej. Fost l-attvitajiet kien hemm: Rock and Run, il-Jum Maritimu, Trasport għal pixxina...eċċ. Is-Sindku kkonferma li għandhom jiżdiedu wkoll, mal-kumplament.

42.14.03 (CS) tkellem ukoll fir-rigward tal-piċċ ta' fuq ir-ramel. Huwa sostna li dan il-piċċ, qiegħed jitnaddaf, iżda ftit wara ftit, terġa' ssibu maħmuġ u vvandalizzat, bl-ixbieki mċartin, filwaqt li l-katnazz jiġi mkisser diversi drabi. Huwa spjega kif dalwaqt il-Kunsill ser ikollu kompetitzjoni mal-lokalità ta' San Ġwann, minħabba li fil-preżent, qiegħed jinbena piċċ hemm hekk ukoll. Huwa ssuġġerixxa li waqt li jkun hemm attività għaddejja, it-tfal għandhom jitħallew jilgħabu, billi jużaw il-biċċa tal-ġemb. Il-Kunsill laqa' dan is-suġġeriment.

## 42.15 Materji oħra, li mhumiex imsemmija hawn fuq

42.15.01 (JB) issuġġerixxa li s-sistema tat-tubi tal-uffiċċju tal-Kunsill, għandhom jiġu mibdula ma' tubi bis-sistema LED.

42.15.02 (JB) ġibet l-attenzjoni lil Kunsill li hemm il-bżonn li jinxtara generator biex jintuża f'każijiet fejn ikun hemm qtugħ tal-elettriku.

42.15.03 Il-viċi fakkret li f'xi żmien, kienet saret talba għal-latrini ġewwa l-Qajjenza. Is-Sindku, wieġeb li ser jagħmel follow-up mal-MTA, fuq din it-talba.

42.15.04 Il-viċi ġiet infurmata, li hemm xi servizz mogħti lill-anzjani, biex jitwasslu ħalli jagħmlu l-qadi tagħhom. Is-Sindku talabha, biex jekk issib l-iskema, tgħaddihielu, ħalli nkunu nistgħu napplikaw għalija.

42.15.05 Il-viċi staqsiet jekk il-Berġa hux ser issir fuq il-meda tal-art, minflok il-bandli, ta' ħdejn l-iskola primarja. Is-Sindku wieġeb li fis-sena 2014, kienet saret sejħa għal devoluzjoni ta' din l-art biex isir Ċentru Ċiviku li tinkludi fiha wkoll il-Berġa. Però sal-lum għad m' hemm xejn approvat.

## 42.16 Tmiem il-laqgħa u data tas seduta li jmiss

Il-laqgħa giet aġġornata fit-tmienja u nofs, ta' filgħaxija. Il-Kunsill qabel li s-seduta numru (43), issir ġewwa l-binja tal-Kunsill, nhar l-Erbgħa, 10 ta' Novembru, fil-ħamsa u nofs, ta' waranofsinhar.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ___________________________ | ___________________________ |
| Scott Camilleri<br>Sindku | Rosalie Mintoff<br>Segretarju Eżekuttiv |